IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2014
COM(2014) 648 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011), b'żieda mal-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond jinsabu fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[2]. Fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet mis-Serbja, il-Kroazja u l-Bulgarija, il-kalkolu tal-għajnuna mill-Fond, abbażi tal-istima tal-ħsara totali kkawżata huwa kif ġej:

Diżastru	*Ħsarat diretti (f'EUR miljuni)*	*Livell limitu ta' diżastru maġġuri (f'EUR miljuni)*	*Spiża totali tal-operazzjonijiet eliġibbli (f'EUR miljuni)*	*2,5 % ta' ħsara diretta sal-limitu (f'EUR)*	*6 % ta' ħsara diretta 'l fuq mil-limitu (f'EUR)*	*Limitu massimu applikat*	**Somma totali tal-għajnuna proposta (f'EUR)**
Is-Serbja	*1 105,622*	*174,649*	*381,967*	*4 366 225*	*55 858 380*	*le*	***60 224 605***
Il-Kroazja	*297,629*	*254,229*	*108,799*	*6 355 725*	*2 604 000*	*le*	***8 959 725***
Il-Bulgarija	*311,328*	*232,502*	*285,440*	*5 812 550*	*4 729 560*	*le*	***10 542 110***
TOTALI							**79 726 440**

Fid-dawl tal-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet[3], u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibbiltà ta' riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 79 726 440.

Il-Kummissjoni se tressaq abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex fil-baġit tal-2014 jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet speċifiċi tal-impenji u l-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, se tinbeda proċedura ta' trilogu skont il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[4].

---

1 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
2 ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3 u ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143.
3 C(2014) 7380
4 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjeta tal-Unjoni Ewropea[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[6], u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[7],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.

(4) Is-Serbja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

(5) Il-Kroazja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

(6) Il-Bulgarija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

---

5 ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3 u ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143.
6 ĠU C 373, tas-20.12.2013, p. 1.
7 ĠU C […], […], p. […].

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 79 726 440 f'approprjazzjonijiet għal impenji u għal pagamenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*